**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 14 ta' April 2012 |
| **ĦIN:** | 9.00 am |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' diskussjoni ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur u l-kandidat.

Kull kandidat jingħata tliet temi għad-diskussjoni u l-kandidati jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu ta' Malti tajjeb. F'każ li l-kandidat ma jkunx jaf x'se jaqbad jgħid, l-eżaminatur għandu jgħinu jesprimi ruħu fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsih xi mistoqsijiet intelliġenti biex iħeġġuh ikompli jiddiskuti s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminatur għandu joqgħod attent li ma jispiċċax jitkellem hu biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn qegħdin bħala gwida għall-eżaminatur biss u għalhekk, l-eżaminatur jista' jvarja kemm irid billi jżid u jnaqqas kemm jogħġbu, u jibda minn fejn irid.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminatur għandu jibbaża l-marka tiegħu fuq:

a. **L-iżvilupp tal-ħsieb u r-relevanza tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mat-tema/suġġett

b. **L-espressjoni** (6 marki)

- l-użu tal-Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

# GĦALL-UŻU TAL-EŻAMINATUR

## 1. Iż-Żgħażagħ u d-Divertiment

- Għaliex id-divertiment marbut maż-żgħożija?
- Tipi ta' divertiment li jħobbu ż-żgħażagħ
- Paceville l-uniku post ta' divertiment?
- Il-perikli tad-divertiment
- Iż-żgħażagħ biss iħobbu jiddevertu?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**2. Il-Ħtieġa li Nibżgħu għall-Ambjent**

- X'jagħmel parti mill-ambjent? In-natura, l-imġiba, il-familja, il-kliem, il-ħsejjes eċċ.
- Kemm iħobbu l-ambjent il-Maltin?
- X'għandu jsir biex l-ambjent jitjieb?
- Pieni għal min jagħmel ħsara lill-ambjent
- Sehem l-iskejjel fl-edukazzjoni għal ambjent aħjar

**3. Sehem l-Anzjani fis-Soċjetà tal-Lum**

- Min jista' jissejjaħ anzjan?
- L-anzjani jiswew għal xi ħaġa?
- X'jistgħu jgħallmuna l-anzjani? – l-esperjenza, tifkiriet, rakkonti, pariri eċċ.
- Diffikultajiet li jsibu l-anzjani
- Sehem il-Gvern biex l-anzjani jibqgħu jħossuhom ta' ħtieġa

**4. L-Imġiba Tikxef il-Karattru**

- It-trobbija, l-ambjent li tgħix fih u l-ħbieb li tagħmilha magħhom
- L-imġiba fil-livelli kollha ta' għajxien
- Imġiba tajba u eżemplari – imġiba ħażina u diżonesta
- Riflessa mill-kliem li jingħad, fil-ħwejjeġ li jintlibsu, fl-aġir
- Waqt xogħol jew divertiment
- Il-ġudizzju tas-soċjetà
- Imġiba tajba meta mgħasses biss?

**5. Il-Libreriji fl-Iskejjel**

- L-iskejjel kollha għandhom librerija?
- Kotba tal-qari – kotba ta' referenza, maħżen tal-għerf u esperjenzi
- L-użu tal-librerija mill-istudenti
- L-għalliema jridu jħeġġu lill-istudenti jużaw il-librerija
- Tagħlim fil-librerija
- Materjal għall-proġetti li jingħataw
- L-Imġiba fil-librerija

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 14 ta' April 2012 |
| **ĦIN:** | 4.00 pm |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' diskussjoni ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur u l-kandidat.

Kull kandidat jingħata tliet temi għad-diskussjoni u l-kandidati jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu ta' Malti tajjeb. F'każ li l-kandidat ma jkunx jaf x'se jaqbad jgħid, l-eżaminatur għandu jgħinu jesprimi ruħu fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsih xi mistoqsijiet intelliġenti biex iħeġġuh ikompli jiddiskuti s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminatur għandu joqgħod attent li ma jispiċċax jitkellem hu biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn qegħdin bħala gwida għall-eżaminatur biss u għalhekk, l-eżaminatur jista' jvarja kemm irid billi jżid u jnaqqas kemm jogħġbu, u jibda minn fejn irid.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminatur għandu jibbaża l-marka tiegħu fuq:

a. **L-iżvilupp tal-ħsieb u r-relevanza tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mat-tema/suġġett

b. **L-espressjoni** (6 marki)

- l-użu tal-Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

# GĦALL-UŻU TAL-EŻAMINATUR

## 6. Id-Drittijiet tal-Konsumatur

- Illum sirna konxji tad-drittijiet tagħna bħala konsumaturi
- Twaqqfu wkoll għaqdiet favur dawn id-drittijiet
- Tagħlim liż-żgħar fl-iskejjel u lill-kbar fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni
- In-negozjanti/tal-ħwienet saru joqogħdu aktar attenti
- Jeżisti wkoll tribunal biex jagħmel ġustizzja f'każi ta' tilwim
- Bidla fil-mentalità
- Wieħed mill-effetti tas-sħubija fl-Unjoni Ewropea

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 7. Il-*Bullying*

- Jeżisti fis-soċjetà Maltija?
- Fl-iskejjel, fuq il-postijiet tax-xogħol, fl-ambjent fejn toqgħod eċċ.
- Jeżisti *bullying* mill-awtoritajiet (għalliema, ġenituri, gvern, knisja, nies fil-poter ...)?
- Għaliex isir?
- Il-vittmi ta' din il-vjolenza
- Il-konsegwenzi (immedjati u fit-tul)
- Il-ġlieda kontra din il-vjolenza
- Id-dritt tal-individwu li jgħix fil-paċi

## 8. Ix-Xogħol u l-Bniedem

- Ix-xogħol għall-bniedem jew il-bniedem għax-xogħol?
- "Ix-xogħol salmura tal-ġisem" jgħid il-qawl Malti
- Il-valuri marbutin max-xogħol
- Is-sodisfazzjon tax-xogħol
- It-teknoloġija u r-riċerka fil-qasam tax-xogħol
- Abbużi u problemi fuq il-postijiet tax-xogħol
- L-għaqdiet tal-ħaddiema – kemm huma meħtieġa?

## 9. L-isportivi Maltin f'kompetizzjonijiet internazzjonali

- Is-sehem tal-Maltin f'dawn il-kompetizzjonijiet: suċċess jew fjask?
- Problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-isportivi Maltin
- Faċilitajiet ta' taħriġ għal dawn l-isportivi
- L-iskejjel qed ikunu ta' għajnuna biex ikollna sportivi ta' livell internazzjonali?
- L-għajnuna li jista' jagħti l-gvern

**AM 22/Ic.12m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 14 ta' April 2012 |
| **ĦIN:** | 9.00 am |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT

Suġġett għad-diskussjoni:

# IŻ-ŻGĦAŻAGĦ U D-DIVERTIMENT

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/Ic.12m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 14 ta' April 2012 |
| **ĦIN:** | 9.00 am |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT

Suġġett għad-diskussjoni:

# IL-ĦTIEĠA LI NIBŻGĦU GĦALL-AMBJENT

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

AM 22/Ic.12m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2012

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 14 ta' April 2012 |
| **ĦIN:** | 9.00 am |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT

Suġġett għad-diskussjoni:

## SEHEM L-ANZJANI FIS-SOĊJETÀ TAL-LUM

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/Ic.12m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 14 ta' April 2012 |
| **ĦIN:** | 9.00 am |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-IMĠIBA TIKXEF IL-KARATTRU

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

AM 22/Ic.12m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2012

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 14 ta' April 2012 |
| **ĦIN:** | 9.00 am |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT

Suġġett għad-diskussjoni:

## IL-LIBRERIJI FL-ISKEJJEL

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/Ic.12m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 14 ta' April 2012 |
| **ĦIN:** | 4.00 pm |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT

Suġġett għad-diskussjoni:

# ID-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/Ic.12m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 14 ta' April 2012 |
| **ĦIN:** | 4.00 pm |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT

Suġġett għad-diskussjoni:

## IL-*BULLYING*

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

AM 22/Ic.12m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2012

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 14 ta' April 2012 |
| **ĦIN:** | 4.00 pm |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT

Suġġett għad-diskussjoni:

# IX-XOGĦOL U L-BNIEDEM

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

AM 22/Ic.12m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 14 ta' April 2012 |
| **ĦIN:** | 4.00 pm |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-ISPORTIVI MALTIN F'KOMPETIZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | I |
| **DATA:** | 14 ta' Mejju 2012 |
| **ĦIN:** | mill-4:00 p.m. sas-7:00 p.m. |

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.**

1. IL-KOMPONIMENT (15-il marka)

   *Ikteb komponiment ta' bejn 550 u 600 kelma dwar* ***wieħed*** *minn dawn is-suġġetti:*

   a. Futur li dejjem xtaqt li jkolli.

   b. Il-familja – il-bażi tas-soċjetà.

   ċ. Mill-kliem għall-fatti hemm baħar jikkumbatti.

   d. In-natura sabiħa bla mittiefsa.

   e. X'jagħmilna Maltin.

   f. L-imħabba lejn l-annimali.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

2. IT-TRADUZZJONI (5 marki)

*Agħmel traduzzjoni xierqa b'Malti idjomatiku ta' din is-silta:*

The simple family life of the Maltese kept going in the gloom and dampness of shelters. The life of the family went on under the most trying conditions…With a smile on their lips the people leave the church, the children off to school, the housewife to do her shopping and the man makes his way to his work. The Maltese had to adapt themselves to live and sleep in shelters, to do without many of the most essential necessities, to forgo even their meagre rations when supplies did not reach their town or village, and to live in makeshift dwellings when their homes were destroyed.

(Addattata minn *When Malta Stood Alone* ta' Joseph Micallef)

3. IL-LINGWISTIKA MALTIJA (10 marki)

*Agħżel mistoqsija* ***waħda****:*

a. Iddiskuti b'eżempji sehem il-morfemi fl-ilsien Malti.

b. Il-bilingwiżmu jista' jkun ta' għajnuna jew ta' tfixkil għal kull ilsien. Iddiskuti b'eżempji xierqa mill-ilsien Malti.

AM 22/II.12m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
LIVELL AVVANZAT
**MEJJU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | II |
| **DATA:** | 15 ta' Mejju 2012 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa nofsinhar |

**Trid titwieġeb kull taqsima.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.**

## TAQSIMA A
## Il-Poeżija tas-Seklu XX
(10 marki)

*Wieġeb* ***waħda*** *biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. B'referenza għall-antoloġija *Il-Poeżija Maltija* ikteb dwar il-karatteristiċi li jispikkaw fil-ġens Malti u li jissemmew fil-poeżiji tal-poeti Maltin li kitbu fis-seklu għoxrin.

b. Il-bniedem mhux maħluq biex jgħix waħdu, u għalhekk irid jibni diversi relazzjonijiet ma' bnedmin oħra. Iddiskuti b'referenza għall-poeżiji li studjajt fl-antoloġija *Il-Poeżija Maltija*.

## TAQSIMA B
## Monografiji Poetiċi
(10 marki)

*Wieġeb* ***waħda*** *biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Pawlu Aquilina fil-kitba poetika tiegħu jesprimi l-preokkupazzjonijiet tal-ħajja li l-aktar ikidduh meta jaħseb u jirrifletti dwarhom. Iddiskuti.

b. Ikkummenta dwar l-aspett reliġjuż li nsibu fil-poeżiji ta' Pawlu Aquilina billi tirreferi għall-poeżiji li studjajt.

ċ. Maria Grech Ganado tgħanni l-uġigħ tal-ħajja. Iddiskuti b'referenza għax-xogħlijiet tagħha li studjajt fil-monografija ddedikata lilha.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

d. Fil-poeżija tagħha, Maria Grech Ganado tippreżenta varjetà ta' rwoli, sentimenti, u tamiet femminili li ma jippermettux definizzjoni sempliċi tal-mara. Iddiskuti u agħti l-eżempji mill-poeżiji li studjajt.

## TAQSIMA Ċ
## Il-Kritika Letterarja (Poeżija)
(10 marki)

*Agħmel analiżi kritika dettaljata ta'* ***waħda*** *minn dawn iż-żewġ poeżiji:*

### IX-XITWA

Waslu l-jiem tad-dlam, irjieħ u xita,
iroxxu d-dmugħ bla heda mis-smewwiet,
jibku u jolfqu fuq id-djar imgezza
biex jifgaw l-ilħna tal-irħula u l-bliet.

U magħhom ġabu l-għadab tal-irwiefen
jonfħu n-nifs kiesaħ fuq it-tajn mirżuħ,
jingħu fuq l-ibħra, jkarwtu fuq ir-raba'
u jqaċċtu sħaħ ix-xtieli mill-għeruq.

Il-qalb mimlija biża' mal-fomm titlob,
bil-petali mqaċċtin qed jibki l-ward,
maż-żifna tal-werqiet mis-siġra mfarfra,
is-snien bħal kastanjoli jdoqqu l-bard.

Kollox jidher battal, wieqaf, bla saħħa
f'dan l-istaġun marid ta' jiem xitwija,
kollox tistħajjel stramb bħas-sħab imdejjaq
u strambi jidhru n-nies fid-dlam moħbija.

Fejn ħadtli, xitwa, il-briju tar-rebbiegħa?
fejn hija d-dehra ssaħħar tal-ġnejniet?
fejn taret l-għanja ttarrax tal-għasafar?
fejn hi Aurora, fejn marret inħbiet?

Itlaq staġun marid, minn ħajti nfired
la tħallinix naħseb fit-tifkiriet
taż-żmien qaleb il-keffa, m'għadux magħna,
taż-żmien li bħalek sqieni biss tamiet.

Philip Sciberras

**JEW**

**DEHRA TAL-IMGĦODDI**

Xħin nara t-tfal jilagħbu għalenija
bla ħsieb u sogħba ġewwa t-triq,
inħoss l-istar tad-diqa jixgħel fija
u karba toħroġ bilġri mal-ilfiq.
Jien bħalhom kont niġġerra hieni,
interraq it-toroq mingħajr mistrieħ,
ma nafx bil-frugħa tal-ġejjieni,
u ntir ferħan fuq dahar ir-riħ.
'Ma mhux illum ġo dan l-infern tan-nar.
M'għadnix inħobb il-ward ifuħ,
insib ġol-inqas farka x-xrar
li minnu jtir il-ferħ tar-ruħ.

Iż-żmien għaddej bla ma jistenna,
iħalli wrajh l-imrar u d-dmugħ.
M'għadhiex in-nies bil-ħaqq tithenna
kif tilmaħ tfajjel bħal miblugħ
itajjar hieni, kollu ħlewwa,
'il qalbu ma' kull żiffa riħ,
u jinsa li fil-ħajja s-sewwa
ma hix ħlief dagħa u wġigħ.
U b'hekk, bla naf qiegħed nissajja
ġo wied mudlam li fih il-jum
mix-xefaq jidher mingħajr ħajja,
u t-tmiem idum, idum,
għalkemm bil-bosta xjeħt!

Charles Flores

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
LIVELL AVVANZAT
**MEJJU 2012**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | III |
| **DATA:** | 16 ta' Mejju 2012 |
| **ĦIN:** | mill-4:00 p.m. sas-7:00 p.m. |

**Trid titwieġeb kull taqsima.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.**

## TAQSIMA A

### Id-Drama
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant hu dramm li jistrieħ ħafna fuq l-iżvolġiment tal-karattru tal-personaġġi. Il-personalità individwali hi ċentrali fil-ġrajja kollha. Iddiskuti.

b. Iddiskuti *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant bħala dramm mibni fuq ir-relazzjoni bejn il-karattri.

ċ. *Menz* ta' Francis Ebejer jippreżenta bniedem li qiegħed ifittex il-ħelsien tiegħu nnifsu. Il-karattru ewlieni jinsab f'kunflitt mal-ambjent ta' madwaru. Iddiskuti.

d. Francis Ebejer jibni d-dramm *Menz* fuq ir-relazzjoni tal-protagonista mal-personaġġi l-oħrajn. Iddiskuti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B
## In-Narrattiva
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. In-novelli ta' Lino Spiteri f'*Ħala taż-Żgħożija* huma kwadri tal-ħajja Maltija fid-dawl ta' diversi xejriet tagħha. Iddiskuti.

b. Iddiskuti karattri li fil-fehma tiegħek huma fost l-aktar rappreżentattivi tal-ħajja Maltija f'*Ħala taż-Żgħożija* ta' Lino Spiteri.

ċ. F'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* Ġużè Ellul Mercer jippreżenta rakkont bil-ħsieb li juri l-importanza tat-tagħlim u tal-edukazzjoni. Iddiskuti.

d. Ġużè Ellul Mercer jiżvolġi r-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* bis-saħħa tal-personaġġ ewlieni. Madwaru ddur l-istorja kollha, u kollox juri f'liema fażi huwa jinsab fil-mixja intellettwali u reliġjuża tiegħu. Iddiskuti.

## TAQSIMA Ċ
## Il-Kritika Letterarja (Proża)
(10 marki)

*Agħmel analiżi kritika dettaljata ta' **waħda** minn dawn iż-żewġ siltiet ta' proża:*

### (a) It-tagħlima tal-brimba għaqlija

Kelli erbatax-il sena. Kont għadni se naqbad it-triq tal-ħajja. Il-miżerja kont ġa doqt it-togħma mqita tagħha. It-tbatija kont ġa naf xi ssarraf. Kont norqod fi ċkuniti fuq art ħarxa li ħarrxitli 'l qalbi. Wiċċi 'l fuq ħafna drabi kont norqod, u għadni niftakar, kont żgħir, kont noqgħod inħares lejn brimba kbira taħdem għanqbuta fir-rokna tal-kamra. Kellha seħer għalija dik il-brimba. Kont noqgħod naraha taħdem bil-kwiet, tinseġ l-għanqbut, tgħaqqdu minn ħajt ta' rokna għal oħra. Għaliha dik kienet id-dinja kollha tagħha, dik ir-rokna. Imbagħad milli jidher l-għanqbuta lestietha, għax din il-brimba ma rajthiex aktar. Marret forsi tinħeba xi mkien u toqgħod titgħaxxaq bix-xogħol fin u tajjeb li għamlet. U darba minnhom dubbiena nqabdet f'dik l-għanqbuta, u d-dubbiena tħabtet fuq li tħabtet biex teħles minnha, imma ma setgħetx. U l-brimba li kont ili ħafna ma nara reġgħet feġġet, imxiet qisha f'żifna ta' mewt fuq ix-xifer tal-għanqbuta u kaxkret id-dubbiena magħha.

Kont għadni żgħir, imma dik l-impressjoni ma nqalgħet qatt minn moħħi.

X'kien hemm merfugħ għalija? Il-futur x'kellu jġibli miegħu? Għada fiex se nsib ruħi?

Il-kelma 'għada' tħossha ssaħħrek meta taħseb fiha; għada tista' tifraħ, tista' tibki, tista' tara l-ġid, tista' dduq il-ġuħ; għada jista' jrebbħek, itellfek, iweġġgħek, ibikkik, idaħħqek, għada hu ktieb magħluq li, folja wara l-oħra, ma tafx x'se jġib miegħu, jew aħjar, kaxxa magħluqa li meta tinfetaħ qatt ma tkun taf minn qabel x'hemm moħbi fiha.

Għada hu moħbi wara ċ-ċpar taż-żmien, u għalhekk ħafna jgħidulek: 'Għada min rah? Ingawdu llum għax għada ma nafux x'se nsibu.' Oħrajn jirraġunaw: 'Jekk illum ta' dwejjaq, għada mhux ser ikun aħjar.' U oħrajn joqogħdu jistennew il-manna nieżla f'ħalqhom, ma jridu jagħmlu xejn, jittamaw biss li għada jkun aħjar mil-lum. It-tama trid tkun, u fiduċja wkoll fil-futur, u tama u fiduċja jien ma kontx nieqes minnhom.

(minn *Nirien ta' Mħabba* ta' Ġużè Chetcuti)

**JEW**

## (b) Qrib ta' Dun Ġorġ

Diversi drabi kont mitlub inniżżel bil-miktub it-tifkiriet tiegħi ta' Dun Ġorġ, speċjalment tul l-aħħar għaxar snin ta' ħajtu li matulhom kelli kuntatt regolari mill-qrib miegħu. Wara li tlabt u ħsibt fuq din il-ħaġa, deherli li kelli nikteb fuq xi ġrajjiet li laqtuni matul dawk il-laqgħat tiegħi miegħu bil-għan li l-kitba tista' tgħin biex dan is-saċerdot qaddis Malti jkun jista' jiġi magħruf ftit aktar.

Hi grazzja kbira minn Alla li kelli x-xorti li għal ħafna snin inkun qrib ta' Dun Ġorġ u stajt nosserva sewwa lil dan il-qaddej ta' Alla, kemm fil-laqgħat tiegħu ta' kull ġimgħa mal-membri tal-MUSEUM kif ukoll f'ħafna laqgħat oħra personali miegħu fid-dar tiegħu stess. Dan biex ma nsemmix ċirkustanzi oħra, bħal meta kien jiġi jżur il-qasam tagħna tal-Gżira fejn kont nattendi, jew f'xi laqgħa speċjali mmexxija minnu, bħal, pereżempju, il-programm fil-festa tal-konverżjoni ta' San Pawl fil-knisja tad-Dumnikani tar-Rabat, jew il-konsagrazzjoni ta' erbgħin soċju lill-Madonna fil-knisja tal-Ursolini fl-Imsida fl-okkażjoni tas-Sena Marjana tal-1954, jew xi rtir immexxi minnu fl-iskola ta' San Mikiel. Dawn l-inkontri tiegħi miegħu baqgħu stampati sal-lum f'moħħi – kif żgur laqgħat bħal dawn jibqgħu stampati f'moħħ min bħali kellu x-xorti li jkun qrib tiegħu.

Lil Dun Ġorġ ħafna kienu jfittxuh għall-prietki u għall-pariri tiegħu, u kien igawdi minn kulħadd fama ta' bniedem ta' Alla. Forsi għalhekk il-laqgħat miegħu setgħu jinħassu esperjenzi spiritwali għal dak li jkun, u minnhom wieħed kien jipprova japprofitta kemm jista'.

(minn *Laqgħat ma' Dun Ġorġ* ta' John Formosa)